L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m. |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Kulma jmur qed jiżdiedu l-vegani li jippreferu ikel li ma jkunx fih laħam tal-annimali jew prodotti li ġejjin minnhom. Għid x'taħseb fuq din id-dieta u x'benefiċċji jew nuqqasijiet tqis li fiha?

**JEW**

2. Stħarriġ lokali li ġie ppubblikat lejn tmiem is-sena l-oħra juri li 60% taż-żgħażagħ ta' bejn 16 u 25 sena u 59% tal-Maltin ta' bejn 25 u 40 sena, kieku jistgħu, imorru jgħixu f'pajjiż Ewropew ieħor. Dan ifisser 12% aktar mis-sena ta' qabel. Għaliex taħseb li qed jiġri hekk? Minn xiex inhuma mxennqin iż-żgħażagħ Maltin u x'jaħsbu li jsibu lil hinn minn pajjiżna?

**JEW**

3. Ftit xhur ilu pajjiżna għadda liġi fuq l-użu responsabbli tal-kannabis bil-ħsieb li jirregola l-użu ta' din id-droga u li min joħodha għal skop personali f'ammonti ristretti ma jitqiesx 'kriminal'. Imma d-diskussjoni fuq din il-liġi ma kinitx nieqsa mill-kontroversja. Inti x'taħseb? X'effetti diretti u indiretti, pożittivi u negattivi, taħseb li jista' jkollha fuq iż-żgħażagħ u l-adulti? U x'responsabbiltajiet u dmirijiet temmen li ġġorr magħha din il-liġi?

**JEW**

4. Sirna naqraw u nisimgħu aktar kummenti fuq il-fatt li l-istil tal-ħajja li qed ngħixu qed jibdlilna l-identità tagħna. Bejn dak li nagħmlu llum u li konna nagħmlu inqas minn għoxrin sena ilu, ħajjitna nbidlet ħafna. Ikteb dwar ir-rabta interġenerazzjonali u għid fiex, fl-opinjoni tiegħek, inbdilna għall-aħjar u għall-agħar fil-mod kif ngħixu.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: IL-QARI**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Il-ħajja ta' missjunarju tfisser li titlaq kollox warajk biex tmur f'territorju li ma tafux. L-isfida hi li tilqa' kollox kif jiġi. Il-missjunarji jaqdu lill-poplu, l-iżjed lil dawk b'kull xorta ta' tbatija bħal mard, ġuħ, inġustizzji soċjali, u nuqqas ta' mezzi finanzjarji u edukazzjoni. Huwa għalhekk li aħna l-missjunarji, imferrxin ma' tant pajjiżi fid-dinja, nibqgħu disposti biex ngħinuhom f'kulma jeħtieġu. Leħinhom sikwit jiġi msikket u aħna nsiru l-leħen li jkun meħtieġ jinstema' sew fl-uffiċċji tal-gvern u fl-iskejjel minħabba l-edukazzjoni ta' wliedhom. *(par. 1)*

Aħna nfittxulhom impjiegi adattati biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum b'mod diċenti. Jiġu waqtiet meta l-akkużi foloz ma jonqsux, u aħna l-missjunarji nidħlu għalihom kemm bil-kliem u kemm billi nagħmlu t-tiftix tagħna ħalli l-verità tirbaħ. Din it-taqbida m'għandhiex tmiem! F'ħafna pajjiżi tal-missjoni d-drittijiet tal-mara u tat-tfal għadhom mhumiex stmati – vjolenza fid-dar, stupru mill-aħwa subien jew mill-missier, abort imġiegħel mir-raġel għax ma jkunx irid tifla jew għax it-tarbija tkun b'diżabilità inkella għax ikollu dubju li martu marret ma' ħaddieħor u dik li hemm fil-ġuf mhix tiegħu, żwiġijiet sfurzati, xebbiet li jingħataw għaż-żwieġ biex ipattu għal xi delitt li jkun għamel il-missier f'xi familja, diskriminazzjoni ta' dawk l-aktar imwarrba fis-soċjetà, prostituzzjoni mġiegħla mill-missier, u ħafna każi oħrajn. Naħdmu bla heda biex nipprovdu l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u dar sigura għat-tfal salvati minn kull xorta ta' theddid ħalli kull tifel u tifla jingħataw iċ-ċans li jgħixu ħajja sħiħa. *(par. 2)*

Il-missjunarji dejjem lesti biex ikunulhom ta' wens u sostenn fiċ-ċirkostanzi iebsa tagħhom. Ħafna drabi, f'kultura bħal tal-Pakistan, fejn tista' tidħol mara ma jistax jidħol raġel. Aħna l-missjunarji nisa – sorijiet jew lajċi – niddeffsu aktar mill-irġiel, l-aktar jekk tkun b'xagħrek abjad bħal tiegħi! Il-missjunarji ma jafux fruntieri; jidħlu fejn ma jesagħhomx anke jekk ikun ta' riskju. Ma tantx nieħdu għalina jekk jiċħdulna dak li nkunu qed nitolbu, anzi nibqgħu ninsistu sa ma ndejquhom u fl-aħħar ikollhom iċedu. Kultant jgħajruna u jinsultawna, imma dik problema tagħhom mhux tagħna. *(par. 3)*

F'xogħolna naraw ukoll li nedukaw lill-familji. L-għajxien ta' dawn in-nies jiddependi ħafna mill-appoġġ tagħna, b'mod speċjali fil-kriżi globali attwali tal-COVID-19 li qed tkompli tisfida lill-umanità u li laqtet lill-iżjed komunitajiet vulnerabbli tad-dinja fil-laħam il-ħaj. Tifraħ meta tara lil min juri solidarjetà f'waqtha ma' dawn il-komunitajiet imbeżżgħa jew imfixkla li għaddejjin minn tant tbatija fiżika u soċjali. *(par. 4)*

Meta nsemmu l-kelma faqar, x'aktarx li l-ewwel ħaġa li tiġina f'moħħna huwa n-nuqqas ta' flus. Dak hu faqar, però jeżistu diversi forom oħra tiegħu. Waħda minnhom hi n-nuqqas ta' ilma nadif. Huwa stmat li mad-dinja hawn madwar biljun persuna li m'għandhomx aċċess għal dan. Din il-problema ġġib forma oħra ta' faqar: il-mard. Fil-fatt madwar 2,500 persuna jmutu kuljum bil-kolera jew bid-diżinterija kaġun ta' nuqqas ta' ilma nadif jew ta' iġjene personali. Barra minn hekk, in-nies foqra ma jkollhomx flus biex jieħdu l-kura neċessarja minn ċertu mard kurabbli, bħall-pulmonite, it-tuberkolożi, il-malarja u mard ieħor bħall-ħosba, is-sogħla konvulsiva, it-tetnu u d-difterija, li jaħsdu l-ħajja ta' eluf fis-sena. Biex ma nsemmux ukoll lil dawk li jmutu bl-AIDS. *(par. 5)*

F'dawn il-pajjiżi foqra nsibu nies jgħixu fl-għarajjex mibnija bil-ħamrija u b'saqaf tal-ħaxix tant li meta tagħmel ħafna xita jiġġarrfu. Fihom ma ssibx għamara: la sodod, la mwejjed u lanqas siġġijiet. In-nies jorqdu fl-art jew fuq kartuna. La hemm provvista tal-elettriku u lanqas tal-ilma. Biex iġibu ftit ilma, li ħafna drabi jkun ikkontaminat, iridu jimxu kilometri sħaħ. Biss biss, madwar żewġ biljuni fid-dinja jaqilgħu inqas minn ewro kuljum. Minħabba f'hekk 21,000 persuna jmutu kuljum bil-ġuħ - persuna kull erba' sekondi, mhux ċajta! Minn dan għandna nitgħallmu lezzjoni biex ma naħlux ikel. Kemm-il darba narmu l-ikel għax inkunu sajjarna iżjed milli nifilħu nieklu. Niftakru li l-ħela tagħna huwa n-nieqes ta' ħaddieħor. *(par. 6)*

Tifhem tabilħaqq x'inhu l-faqar meta tmissu b'idejk. Mhux biżżejjed tara r-ritratti jew id-dokumentarji. Jiena konvinta li hemm ħafna qlub Maltin u Għawdxin jitolbu għalina biex il-ħidma tagħna tħalli fidi u tama fil-ħajja tal-poplu li naqdu bil-ferħ madwar id-dinja kollha. *(par. 7)*

*(Adattata mill-artiklu "L-Isfidi tal-missjunarji m'għandhomx tmiem" ta' Swor Francise Farrugia li deher fir-rivista 'Malta Missjunarja' ta' Novembru 2020.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Skont is-silta tifhem x'inhu l-faqar

   a. meta tesperjenzah.
   b. meta tarah mir-ritratti u d-dokumentarji.
   ċ. meta taqla' xi ħaġa.
   d. wara xi maltempata b'ħafna xita fil-pajjiżi tal-missjoni.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-**tajba.** (4)

   a. Il-kelma **disposti** fis-sentenza: "Huwa għalhekk li aħna l-missjunarji, imferrxin ma' tant pajjiżi fid-dinja, nibqgħu disposti biex ngħinuhom f'kulma jeħtieġu." *(par. 1)* tfisser:
      i. nixxennqu
      ii. lesti
      iii. nissaportu
      iv. nittallbu

   b. Il-kelma **wens** fis-sentenza: "Il-missjunarji dejjem lesti biex ikunulhom ta' wens u sostenn fiċ-ċirkostanzi iebsa tagħhom." *(par. 3)* tfisser:
      i. soluzzjoni
      ii. sostitut
      iii. faraġ
      iv. inkonvenjenza

   ċ. L-espressjoni idjomatika **bla heda** fis-sentenza: "Naħdmu bla heda biex nipprovdu l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u dar sigura għat-tfal salvati minn kull xorta ta' theddid ħalli kull tifel u tifla jingħataw iċ-ċans li jgħixu ħajja sħiħa." *(par. 2)* tfisser:
      i. bla ħsieb
      ii. bla ħlas
      iii. bla biża'
      iv. bla waqfien

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.***

d. L-espressjoni **jaħsdu l-ħajja** fis-sentenza: "Barra minn hekk, in-nies foqra ma jkollhomx flus biex jieħdu l-kura neċessarja minn ċertu mard kurabbli, bħall-pulmonite, it-tuberkolożi, il-malarja u mard ieħor bħall-ħosba, is-sogħla konvulsiva, it-tetnu u d-difterija, li jaħsdu l-ħajja ta' eluf fis-sena." *(par. 5)* tfisser:
   i. joqtlu
   ii. idgħajfu
   iii. itejbu
   iv. ibeżżgħu

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** ta' dak li jagħmlu l-missjunarji billi tirreferi għaċ-ċirkostanzi iebsa li jiltaqgħu magħhom u li huma msemmija fis-silta. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna plural. (5)

4. Semmi **ŻEWĠ** karatteristiċi tal-awtriċi minn dak li nafu dwarha mis-silta. Għal kull waħda agħti r-raġunijiet tiegħek. (3)

5. Fis-silta jissemmew diversi forom ta' faqar. Identifika **TNEJN** minnhom u ssuġġerixxi kif nistgħu neliminaw dan il-faqar. (3)

6. F'paragrafi 5 u 6 nsibu għadd ta' ċifri. X'taħseb li hu l-għan tagħhom fis-silta? (3)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Il-kuntatt li kellu lsienna mal-element Sqalli u Taljan, u li qed ikollu fi żmienna mal-element Ingliż minħabba l-globalizzazzjoni, jinfluwenza ħafna lill-Malti mil-lat lessikali u grammatikali. Iddiskuti l-influwenzi f'dawn iż-żewġ livelli b'għadd ta' eżempji xierqa.

**JEW**

2. It-tliet għejun lingwistiċi ewlenin li xorob minnhom il-Malti matul is-sekli ntgħaġnu flimkien. Uri dan b'eżempji ta' kliem Rumanz u Ingliż li integra ruħu fil-morfoloġija tal-Għarbi u ta' kliem ta' nisel Għarbi b'morfoloġija Rumanza.

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 30 ta' Awwissu 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Oliver Friggieri kif jitkellem fuq l-imħabba fil-poeżiji tiegħu fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*?

**JEW**

2. Fil-biċċa l-kbira tal-poeżiji fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*, Oliver Friggieri jinqeda bil-versi regolari imma karatteristiċi stilistiċi oħrajn u t-temi tiegħu juru li d-dinja li jesplora hija kumplessa. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Maria Grech Ganado tgħid li fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea "jirnexxilha tipprotesta, u tipprotesta bil-qawwi, imma l-fehma tagħha, avolja miftuħa, awtentika, determinata, tagħraf tkun ukoll ħelwa." Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?

**JEW**

2. Iddiskuti l-mod kif Simone Galea tirrappreżenta l-ġisem tal-mara fil-poeżiji li hemm fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*.

**(Total: 20 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA

**Agħżel silta WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.**

(i)

Qtajnieha li mmorru nassaltawh illum. Wasal il-ħin li ninġabru f'ringieli, klassi klassi, biex nibdew nidħlu fil-knisja. Aħna tal-aħħar sena nidħlu appuntu l-aħħar. Fir-ringieli dejjem lejn in-naħa ta' wara kont issibni, biex nisma' mill-inqas mit-tlablib fil-vojt tal-istruzzjonijiet li jagħtuna l-għalliema. U hekk kif konna deħlin, serraħt sieqi fuq tarġa biex nagħti x'nifhem li se naqfel il-lazz taż-żarbun, li ħaġa tal-iskantament kien maħlul. Dejjem jirnexxili nilgħabha din il-logħba. Il-Futru u Manwel kienu wkoll misturin, wieħed wara kanolla u l-ieħor wara siġra kbira. Għamiltilhom sinjal u resqu malajr. Il-Futru resaq lejn il-bieb tal-ġnien u balleċ ... sibnieh miftuħ.

Wasal il-waqt li lkoll ħrigna maktur minn ġol-ġakketta, parti mill-pjan maħsub, biex maqrut ma' wiċċna, ngħattuh minn għajnejna 'l isfel biex ma nintgħarfux. U f'għajnejna, nuċċali tax-xemx allavolja x-xitwa u msaħħab. Il-Futru, ta' bniedem imlaqqat li kien, ma kellux wieħed u ġab in-nuċċali tal-baħar roża t'oħtu. Kien jiġih naqra kbir, ikolli ngħid.

Jekk bin-nuċċali vera ħareġ ta' ċuċ magħna, mhux l-istess nista' ngħid għall-ixkejjer li ħareġ mill-ġakketta. Ġab sitt xkejjer tar-ross miż-żgħar, dawk li nsejħu ċrienen. Ftaħna l-bieb inkiss inkiss u dħalna. Ma kien hemm ħadd. Is-sorijiet kollha kienu qed jisimgħu l-quddies bil-kwiet, xi wħud bil-missal f'idhom biex isegwu u oħrajn b'kuruna tat-talb jgħidu xi rużarju, għal dnubiethom.

Iddeċidejna li nibdew mill-ewwel siġar ta' ħdejn il-bieb biex jekk niġu biex naħarbu bilġri, inkunu fil-qrib. Il-Futru l-itwal wieħed fostna, għaliex qisu ħatar, beda dlonk jaqta' l-lumi fl-għoli filwaqt li jiena, armat bi mqass taż-żabra, bil-ħeffa bdejt indur dawk fil-qabda u bħal sħabi naqta' u nitfa' fiċ-ċurniena. Mhux l-ewwel darba li qtajt il-lumi, għaliex id-dar għandna lumija ta' kull qamar, eżatt f'nofs il-ġnien u dejjem naqta' minnha. Imma hawn is-sitwazzjoni differenti, għaliex waqt li qed tisraq ma tistax toqgħod titmattar. Trid tħaffef kemm tista', fil-ħemda u moħħok hemm, ħalli kif tlesti, tiżgiċċa. Ix-xogħol dħalnielu ġmielu u f'temp ta' kwarta mlejna s-sitt xkejjer.

"Ejja ħa mmorru," qalilna Manwel.

"Stenna ftit, Lel," wieġbu l-Futru.

Kien immarka ġenb tal-ġnien mimli ħwawar u mar biex jibda jaqta' ftit nagħniegħ u merdqux. Tbaxxejt ħdejh u bl-imqass bdejt naħsad miz-zkuk bil-qabda biex nagħmillu bukkett u nqegħduhom fl-ixkejjer.

Hekk kif lestejna, qomna u bdejna nersqu lejn il-bieb. Qalbi ħebritni li ma jistax ikun li ġietna tajba daqshekk. Kif jiġri hux, tħoss bħal qisek għandek għajnejn ta' żrinġ u tara minn wara.

"Hey you stop there!" werżaq xi ħadd. Ħarisna lura fid-direzzjoni mnejn kienet ġiet l-għajta u naraw soru xiħa liebsa l-griż tippunta lejna, waqt li kienet wieqfa maġenb ħnejja li tagħti għall-ġnien.

"I said STOP!" tenniet bil-herra.

*(Min-novella ta' Steve Borg, "Serqa Lumi" fl-antoloġija Il-Ħamsin)*

**JEW**

(ii)

L-2021. Ħamsin sena wara. Daħal Malta b'passaport ikħal bl-arma tar-reġina bl-isem ta' ġo fih għadu l-istess, imma b'ritratt kemm kemm jingħaraf. Ma laqgħu ħadd l-ajruport. Qabad taxi għal-lukanda li bbukkja f'Tas-Sliema. Għamel iċ-check-in, reġa' għorok idejh bis-sanitizer. Daħal fil-kamra li tawh. Straħ minn tulu f'soddtu ġdida.

Ħareġ fil-gallarija. Hemm żewġ suwed miksija għabra jpoġġu briksa fuq oħra fis-sitt sular mingħajr wisq galbu. Ftakar kemm kellu raġun li vvota għall-Brexit. Tgħid hawn qatt jidħlu fl-Unjoni Ewropea? Ftit taħthom tabella kbira *Another luxury project by Micallef-Inguanez Limited.* Żewġ kunjomijiet li laqtuh imma ftakar li hawn kulħadd bl-istess żewġ erba' kunjomijiet. Ma ħassux fiha mija fil-mija. Is-sigarett li pejjep ma serrħux. Forsi għax kien ilu ġurnata sħiħa bil-maskra f'wiċċu? Qatagħha li ma joħroġx, u ordna biex iġibulu l-ikel fil-kamra.

Qam ftit aħjar. Niżel isfel. Tgħid x'se jagħmel? Dawwar erba' mil-leaflets li kien hemm. Reġa' ra l-isem tal-familja Micallef-Inguanez Limited, li tmexxi l-boutique hotel li qiegħed fiha. Għall-inqas hawn ma jħaddmux suwed, anki jekk ħadd ma kellmu bil-Malti. M'għoġbu xejn. Iddeċieda li jaqbad taxi u jgħid lix-xufier jieħdu dawra ma' Malta u jieqaf ir-raħal forsi jara l-każin tal-futbol għadux l-istess u kif ikun hemm itihom gear tan-Norwich li ġab miegħu la bl-istess kuluri. Kien liebes flokk ieħor bħalu. Mad-dawra ra erba' billboards oħra tal-istess Micallef-Inguanez Limited. Sar-raħal ma wasalx. Għeja wisq u reġa' lura lejn il-lukanda.

Intefa' fil-lobby u qabad gazzetta. Bejn biex jgħaddi l-ħin, bejn biex jistaħba ftit mill-bqija tal-ħlejjaq li nzertaw hemm. Hemm reklam kbir ta' Micallef-Inguanez Limited. Fil-paġni tan-nofs ċelebrazzjoni għax l-Awtorità tal-Ippjanar għaddiet lil dawn Micallef-Inguanez torri ta' tmintax-il sular, l-ikbar wieħed f'Malta. Fuq il-paġna ta' wara, hemm is-Sinjura Genieve Micallef-Inguanez tagħti ċekk ta' tmintax-il elf lil fondazzjoni ta' kontra l-kankru. U r-ritratt ġiegħlu jifhem. Veffa nbidlet imma ntgħarfet.

Veffa li kienet il-ġara. Veffa li kienet taħslilhom darhom. Veffa li missieru qallu li tiswa mitqilha deheb. Veffa li trakkat mal-imgħallem. Veffa li qaltlu li mhux normali. Veffa li keċċietu minn xogħlu b'ittra.

Qalbu ħabbtet ftit aktar bil-għaġla.

Qam imdawwar bil-purtieri.
F'nifsejh dripp.
Għadda erbat ijiem hekk.
Ftit aktar numri mat-18,000.
Ma jidhrux li se jibqgħu jduru wisq.
Neħħewlu d-dripp u issa temgħuh ftit ikel tal-isptar b'tissue ta' Micallef-Inguanez Limited.
U reġgħet marret għajnu bih u rah jittajjar

minn ġol-gaġġa,
għal ġot-trabokk.

*(Min-novella ta' Jean Paul Borg, "Minn ġol-Gaġġa..." fl-antoloġija Il-Ħamsin)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 31 ta' Awwissu 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m. |

**LETTERATURA (B)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Ġużè Chetcuti jikteb li f'*Ħelsien* hemm "il-bniedem sempliċi, ordinarju, li nħabbtu wiċċna miegħu ta' kuljum fid-dar, fuq ix-xogħol, fit-triq." Iddiskuti din il-fehma b'referenza għall-mod kif jiżviluppaw il-karattri fir-rumanz.

**JEW**

2. Permezz ta' analiżi tal-istorja u tal-istil, ikteb dwar ir-relazzjoni ta' Feliċ mal-familja tiegħu fir-rumanz *Ħelsien*. Kif tinbidel din ir-relazzjoni matul iż-żmien?

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Trevor Żahra għandu l-ħila jħares lejn il-ħwejjeġ ta' kuljum b'lenti mhux tas-soltu u joħroġ bi stejjer li joħolqu sitwazzjonijiet strambi u jipproponu tifsiriet strambi wkoll. Uri dan b'referenza għall-kitbiet f'*Xemgħat*.

**JEW**

2. "Waħda mill-kapaċitajiet ta' Żahra hi l-antropomorfiżmu li hi l-ħila li jlibbes l-inanimat b'dimensjoni umana." (Mario Cassar) Uri dan b'referenza għall-kitbiet f'*Xemgħat*.

**(Total: 20 marka)**

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Iddiskuti t-tiftixa għall-imħabba fid-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer. X'inhuma ċ-ċirkostanzi li jgħinu jew ixekklu din it-tiftixa?

**JEW**

2. *Karnival* jista' jitqies bħala dramm ta' kuntrasti. Tkellem dwar il-mumenti ewlenin tad-dramm li fihom jidhru dawn il-kuntrasti billi tagħmel referenza għall-karattri, l-ambjentazzjoni u s-simboli.

**(Total: 20 marka)**